**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Gunju, 2021**

**AB**

**Vs**

**CDE**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat tar-rikorrenti AB li ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat minn relazzjoni extra-matrimonjali kellhom wild b'isem ta' FDE li twieled gewwa l-Isptar Mater Dei fil-25 ta' Dicembru, 2012, kopja tac-certifikat tat-twelid hawn anness u markat bhala Dok. A.

2. Illi r-rikorrenti fethet medjazzjoni sabiex jigu rregolati l-kura u kustodja, l-access u l-manteniment verso binha minuri, liema medjazzjoni ma rnexxietx minhabba piki u intransigenzi minn naha tal-intimat (ara Dok. B). Illi fil-verita' u fir-realta, hemm diga' digriet fuq kull kwistjoni: ezempju digriet li jirregola l-access ta' matul ise-sena, access li jirregola zmien il-festi u zmien il-granet specjali, digrieti fuq minn ghandu jigbor lit-tifel minuri ghall-access u diversi digrieti ohra. Illi anke hemm ftehim fuq manteniment ta' €300 kull erba' gimghat, oltre nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha u liema manteniment qieghed jithallas.

3. Illi ghalhekk dina il-kawza nfethet purament minhabba l-fatt li l-intimat ma baqax jattendi ghas-seduti tal-medjazzjoni ghax ma kienx kuntent bid-digrieti li tat dina l-Onorabbli Qorti . Ghalhekk wara li r-rikorrenti tat diversi possibilitajiet sabiex l-intimat jersaq ghall-abbozzar ir-rikorrenti talbet lill-medjatrici Connie Bonello sabiex il-medjazzjoni tinghalaq u li tigi awtorizzata tipprocedi permezz ta' kawza mill-Onorabbli Qorti liema awtorizzazzjoni giet moghtija fil-25 ta' Marzu, 2015. Kopja ta' dan id-digriet huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. C.

4. L-intimat huwa bniedem li ghandu karattru pikuz. Illi huwa ma jridx jikkomunika u jikkoopera mar-rikorrenti anke fuq l-affarijiet bazici li jolqtu l-binhom – per ezempju hija kellha tintavola rikors fejn talbet li hija tigi awtorizzata tibghat lit-tifel go nursery u kindergarten, ghax ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni minn naha tieghu (liema rikors gie milqugh permezz tad-digriet datat 8 ta' April, 2015). Inoltre matul ir-relazzjoni li kellhom, l-intimat li ghandu problema ta' xorb, kien uza vjolenza fuq ir-rikorrent kif se jigi ppruvat fil-mertu ta' dina l-kawza.

5. Illi l-attitudni tal-intimat kien dejjem li jikkontrollaha u jumilja r-rikorrenti. Huwa ghandu l-attitudni li « he knows best ». Illi l-intimat ma hasibx darbtejn li jippakkja r-rimettar tal-minuri F go borza u jtih lir-rikorrent bi sfida qisu xi rigal! (Dok.D) Illi l-intimat ghandu fissazzjoni u kemm il-darba u dan bl-ammissjoni tieghu stess huwa fittex fil-hmieg ta' ibnu halli jara x'ikel ibnu kiel meta jkun mar-rikorrenti. Illi ukoll kemm il-darba quddiem il-minuri huwa rema' l-gugarelli tieghu 'l barra mill-karozza tieghu u dana ghax semplicement tkun tghatulu r-rikorrenti.

6. Illi r-rikorrenti tixtieq li jigu ssalvagwardjati l-ahjar interess ta' binha minuri.

7. Illi ghalhekk kellha tinfetah dina l-kawza.

**Ghalhekk qieghed jigi mitlub umilment** lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri FDE ghandha tkun f'data b'mod esklussiv f'idejn ir-rikorrenti.

2. Tordna li l-access versu l-missier l-intimat ghandu jkollu l-minuri FDE jkun hekk kif kien iddegretat minn dina l-Onorabbli Qorti stess fis-16 ta' Dicembru, 2014 li emenda parzjalment id-digriet tas-26 ta' April, 2014; il-kumplament tad-digriet tas-26 ta' April, 2014 li ma giex emendat bid-digriet tas-16 ta' Dicembru, 2014 u fit-3 ta' Novembru, 2014 u fil-kaz illi dina l-Onorabbli Qorti fil-gudizzju savju u aktar superjuri hija tal-fehma li l-modalita' tal-access ikun mod iehor tordna li jigu ffissati granet u hinijiet ghall-access li l-missier intimat ghandu jkollu versu l-minuri FDE.

3. Tordna u tiffissa retta alimentarja ossia manteniment versu l-minuri FDE , liema manteniment ghandu joghla kull sena skond il-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta u liema manteniment ghandu jithallas lir-rikorrenti.

4. Tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti dik ir-retta alimentari ossia manteniment versu l-minuri hekk likwidata u liema retta alimentari tinqata' direttament mill-paga u/jew mill-introjtu finanzjarju tal-intimat u tithallas permezz ta' standing order.

5. Tordna u tiffissa li l-intimat ghandu jhallas ir-rikorrenti nofs l-ispejjes ta' nofs l-edukazzjoni, sahha u extra-kurrikulari tal-minuri.

6. Tordna li r-residenza tal-minuri FDE ghandha tibqa' dejjem mar-rikorrenti.

Salv dejjem xi provvedimenti ohra li fil-fehma ta' dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha iktar xieraq.

Bl-ispejjes kontra l-intimat, inkluz dawk inkorsi waqt il-medjazzjoni fl-istess ismijiet bin-numru 482/14 AL u fejn minn issa l-intimat huwa ngunt in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata ta' CDE** fejn eccepixxa s-segwenti :-

1. Illi fl-ewwel lok jigi sottomess illi l-attrici u l-intimat kien f'relazzjoni bejniethom minn liema relazzjoni twieled il-minuri FDE sakemm fil-21 ta' Marzu 2014, l-attrici abbandunat il-familja billi telqet mid-dar fejn kienu jabitaw gewwa Hal Safi u hadet lill-minuri maghha minghajr il-kunsens tal-intimat.

2. Illi minn dakinhar ‘l quddiem, l-attrici bdiet iccahhad lill-intimat milli jkollu access adegwat ghal ibnu minuri u kuntrarjament ghall-allegazzjonjiet maghmulha fir-rikors guramentat, kemm hi kif ukoll il-familja taghha saru intransigenti u pikuzi fil-konfront tal-istess intimat – kif del resto jattestaw l-istess premessi tar-rikors guramentat u kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi jigi kkjarifikat ukoll li kemm l-attrici kif ukoll l-intimat fethu proceduri ta’ medjazzjoni fil-konfront ta’ xulxin, bl-ittra tal-intimat tkun datata l-1 ta’ April, 2014 (Ittra Nru. 447/2014/MC) u dik tal-attrici datata s-7 ta’ April, 2014 (Ittra Nru. 482/2014 CB3) u peress li dawn il-proceduri gew appuntati qabel ma nghata appuntament fl-ittra ta’ medjazzjoni tal-intimat, l-istess intimat iddecieda li jattendi ghal dawn il-proceduri sabiex il-kwistjoni tinqata’ kemm jista’ jkun malajr ghall-ahjar gid tal-minuri.

4. Illi hija skorretta l-attrici meta tghid li « fil-verita’ u fir-realta’ hemm diga’ digriet fuq kull kwistjoni » u dana ghaliex l-imsemmija digrieti huma kollha pendente lite u soggetti ghar-revoka jew revizjoni minn dina l-Onorabbli Qorti – specjalment meta jitqies li (1) il-Qorti ma semghetx lill-partijiet meta ddekretat l-istess digrieti u (2) bl-ammissjoni tal-istess attrici qed titlob li dina l-Onorabbli Qorti tiddekreta fir-rigward tal-access. Illi di piu’, ir-rikorsi intavolati mill-intimat huma kollha rizultat ta’ pika u intransigenza da parti tal-attrici kif jixhed l-incident ta’ Jum il-Missier tal-2014 fejn l-istess attrici dehrilha li stante li m’hemmx ftehim iffirmat bejn il-partijiet, allura l-intimat ma jistax igawdi l-minuri f’dan il-jum (Ara dok. C hawn anness).

5. Illi ghar-rigward tal-manteniment, l-istess intimat jistieden lill-attrici tipprezenta l-ftehim allegat minnha.

6. Illi ghar-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri, jigi sottomess illi mill-bidu tal-tqala u partikolarment mill-ewwel ftit jiem wara t-twelid tal-minuri, l-attrici bdiet turi certa karatteristici inkwetanti ta' traskuragni tal-familja u partikolarment fir-rigward tal-kura tal-minuri, fosthom in-nutrizzjoni, sahha u ndafa tal-minuri. Il-piz tal-kura tal-familja inkluz tal-istess attrici (meta bdew johorgu iktar sintomi ta' dependent personality disorder) beda jaqa' kollu fuq l-intimat odjern. Aghar minn hekk, l-istess attrici bdiet tigdeb u taghmel allegazzjonjiet serji u malafamanti fir-rigward tal-intimat. Illi di piu', l-istess attrici ghamlet kull mezz biex taqta' kwalunkwe kuntatt mal-intimat rikorrenti u minkejja li l-istess rikorrenti qieghed igawdi access ferm limitat ta' ibnu minuri, hu mhux qed jinghata taghrif baziku dwar jekk il-minuri ikunx kiel u affarijiet iktar importanti relatati mas-sahha u edukazzjoni.

7. Illi b'hekk, huwa palezi li l-istess attrici mhijiex lesta tiggestixxi sitwazzjoni ta' co-parenting bejn iz-zewg genituri u dan jindika d-diffikultajiet li ser ikollha sabiex tindirizza problemi li ser jitlaqa' maghhom il-minuri, u, anke kif se jigi ppruvat ampjament waqt il-kawza l-attrici mhijiex il-genitur idoneju sabiex trabbi lill-minuri FDEu dan minhabba l-atteggjament taghha kemm versu l-istess minuri kif ukoll versu l-intimat u dan minkejja li ex lege l-kontendenti ghandhom il-kura u kustodja vestita konguntivament bejniethom.

8. Illi ghar-rigward tar-residenza tal-attrici, jigi senjalat li hi ghadha qed tirrisjedi mal-genituri taghha u sfortunatament jidher li l-istess genituri qedghin ikunu ta' influenza hazina kemm fuq il-mod kif l-istess attrici qed

tiggestixxi r-relazzjoni taghha mal-intimat kif ukoll mal-minuri u di piu', kien hemm anke okkazzjonjijet fejn l-istess genituri indahhlu abbuzivament bejn l-intimat u l-attrici bir-rizultat li aggravaw aktar is-sitwazzjoni.

9. Illi b'hekk, it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess.

10. Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Rat did-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi prodotti mill-partijiet.

Rat ir-rikorsi varji li gew presentati fil-kors tas-smigh tal-kawza, u d-digrieti relattivi.

Rat li l-Qorti kienet iddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa fis-seduta tal- ta' Jannar, 2020, wara hames snin ta' smigh u gbir ta' provi u rikorsi u digrieti.

Rat ir-rapport tal-Agenzija Appogg datat 20 ta' Awwissu, 2020.

Rat ir-rapport tal-Magistrat Inkwerenti datat 7 ta' Ottubru, 2020.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

**FATTI**

1. L-attrici kkonfermat li kellha relazzjoni mal-konvenut li ntemmet fil-21 ta' Marzu, 2014. Minn dina r-relazzjoni kellhom tarbija Edison li twieled fil-25 ta' Dicembru, 2012,

   Tghid li ghal bidu r-relazzjoni bejniethom kienet wahda tajba u kienu jiccajtaw u jidhku bejniethom, izda minn dejjem il-konvenut kien ibati minn burdati u kien dominanti. Kien jippretendi li ghandha tisma' minnu, kemm ghandha tilbes make-up u li ghandhom isegwu l-lista tax-xogholijiet li kull wiehed minnhom kellu jaghmel fid-dar. L-attrici tghid li kienet thossha ssoffokkata minhabba dawn ir-regoli kollha.

   L-attrici tkompli tghid li l-konvenut kien ighajjar b'mod vjolenti lilha u lit-tifel u kienet tispicca b'panic attacks. L-attrici izid tghid li l-konvenut kien konxju li jbati minn depressjoni u kien igieghla tmur tixtrilu pilloli li kienu jikkalmawh u jzommuh seren, izda madanakollu qatt ma kien irid imur izur tabib biex jiehu parir minghandu, Tispjega li l-konvenut kien xtaq imur jahdem Spanja u kien tilef l-opportunita' u dan kien halla impatt fuqu. Minn dejjem kellu dina x-xewqa u kien ghamel zmien jahdem l-Inghilterra u l-Iskozja, izda peress li kien tifel wahdu hass il-htiega li jibqa' hawn Malta minhabba l-genituri tieghu.

   L-attrici tispjega li l-konvenut kien jirrabbja hafna meta ommha kienet tmur tghinha bit-tarbija u kien hemm okkazzjoni fejn wara li hi u ommha

kienu nadfu kullimkien, kien mar lura d-dar u beda jghaffeg il-pakketti tal-crackers mad-dar bhala vendikazzjoni.

Tispjega ukoll li l-konvenut kien qal lill-attrici li ma riedx jizzewweg anke minkejja li kellhom it-tifel u dan meta qabel kien ighidilha li ma riedx zwieg jekk kemm-il darba ma kellhomx tfal. Ma kinitx kuntenta b'dan kollu u kienet marret tkellem lil psikologu Dr. Galea, li kien issuggerixxa li kellha tahseb fiha nniffsha peress li ma kienx tajjeb li r-relazzjoni tiddependi fuq kundizzjoni.

Il-vendikazzjonijiet baqghu fir-relazzjoni taghhom – il-konvenut riedha b'kull mezz tnehhi l-kunjom li kellha tal-ewwel zwieg taghha u dan mid-dokumenti u certifikati kollha li kellha, li kienet xi haga impossibbli. Kien talabha titlaq 'l barra u hekk kienet ghamlet u kienet spiccat il-Belt u l-konvenut irrifjuta li jmur ghaliha diment li ma riditx tmur l-isptar. Kien ukoll darba halliha wahedha fis-sezzjoni tal-Parentcraft peress li tort taghha kienu waslu ftit minuti tard.

L-attrici tkompli tghid li l-konvenut kien dominanti anke meta kienet se twelled, ghax bilfors ried jehodilha ritratti minghajr hwejjeg, kif ukoll ridha tuza' l-ballun ghal waqt il-hlas, meta dan kien qed jikkagunalha ugigh. Kien anke jillimitalha l-hin taghha bit-telefonati lill-genituri taghha u dejjem kien jivvinta skuzi biex ma jiltaqghux maghhom jew jitilqu kmieni meta jkunu maghhom.

Izid tghid li anke wara li twieled it-tifel, l-attitudni tieghu nbidel. Ma kienx irid jiekol maghha u wara x-xoghol kien joqghod barra fil-veranda jixrob u dan anke jekk it-tifel kien ifittxu biex jilghab mieghu. Il-mumenti li kien

jidhol id-dar u jilghab mat-tifel kienu rari, imma kienu jikkuntentawha hafna.

L-attrici tispjega li minn mindu twieled it-tifel, qatt ma hargu wahedhom, anke jekk kemm il-darba ohtha kienet offritilhom li tibqa' mat-tifel, izda l-konvenut ma kienx irid.

Tghid li wara t-twelid it-tifel, iktar kellhom problemi, tant li kellha tfittex l-ghajnuna ta' counsellor, li gharrafhom li kienu qed jiggieldu fuq affarijiet illi koppji generalment ma jiggildux fuqhom bhall-isem it-tifel u l-maghmudija tal-minuri, ghax il-konvenut kien qed jirrifjuta li ssir fil-parrocca ta' Haz Zabbar u dan peress li kienet izzewwget hemm l-attrici.

Il-konvenut kien rasu iebsa u dejjem ried li tghaddi tieghu, bhal meta rrifjuta li jhalli lill-attrici milli titlaq bit-tarbija biex turiha lin-nannintha u telaq mix-xoghol biex isakkarha d-dar.

L-attrici ssemmi diversi incidenti fejn il-konvenut kien vjolenti maghha u minkejja li kellha x-xewqa li tirraportah lill-pulizija, fl-istess waqt kienet tittama li l-affarijiet jinbidlu u ghalhekk ma riditx thammiglu isem.

L-attrici ssemmi incidenti ta' glied u tghajjir li wassluha tahseb jekk ghandhix titlaq lill-konvenut. Pero' tghid li l-iktar haga li gieghla tiehu d-decizjoni li titlaq lill-konvenut kien minhabba li kien jisforza lill-minuri biex jiekol l-ikel li jkun ippreparalu, irid jew ma jridx. Dan kien qed iwassal sabiex it-tifel ikun iffrustrat.

Fil- 21 ta' Marzu, 2013, l-attrici kienet iddecidiet li titlaq lill-konvenut, wara li kien ghamel xenata shiha meta nduna li fil-kompjuter taghha kellha

ritratt tal-flixken tal-inbid vojta u laned tal-birra vojta u l-irmid tas-sigaretti. Kien hadilha l-pc u l-kamera tar-ritratti u tant kien irrabbjat li lanqas biss kien qed jirraguna izjed. Kienet iddecidiet li kellha titlaq ghal darba ghal dejjem u kienet marret issib kenn ghand il-gar taghha, li kkonvinciha ccempel lil missierha biex imur ghaliha. Il-konvenut kien talabha biex jergghu jirrangaw, izda ma riditx peress li kienet tatu bizzejjed cans. Kienet hadet parti minn hwejjigha, izda l-attrici tikkonferma li qatt ma rnexxielha tiehu l-passport.

L-attrici tinsisti li qatt ma riedet icahhad lill-konvenut milli jara lit-tifel u meta marret lura tghix mal-genituri taghha, kienet thallih jigi ghalih. Imbaghad, wara li hadet parir minghand avukat kienet fethet il-proceduri ta' medjazzjoni u tghid li minkejja dan, il-konvenut qatt ma kellu intenzjoni jimmedja u kien jipprezenta rikors wara l-iehor. L-unika haga li kienu qablu fuqha kien l-ammont ta' manteniment fis-somma ta' €300 kull erba' gimghat, filwaqt li l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha ghandhom jinqassmu nofs kull wiehed.

Dwar l-access, l-attrici tispjega li l-konvenut kien qieghed ikun difficli. Kien jigbor lit-tifel u mbaghad jerga' jgibu lura d-dar tal-genituri tal-attrici. Madanakollu, peress li kull darba li kienet tistennih igib il-minuri lura, kien joqghod ighajjarha u jweggagha emozzjonalment, tant li kellha titlob lil missierha biex jibda jigbor lit-tifel hu minghand il-konvenut. Biex ipattihilha, il-konvenut beda jirrifjuta li jghaddi lill-minuri lin-nannuh u minflok beda jiehdu l-ghassa, sakemm dina s-sitwazzjoni nbiddlet bl-intervent tal-Qorti.

L-access jigi ezercitat kull nhar ta' Tlieta u l-Hamis bejn l-4.30 pm u s-7.30 pm u kull weekend b'mod alternattiv ikun hemm sleepovers bejn il-

Gimgha u s-Sibt u bejn is-Sibt u l-Hadd mill-5 pm sal-5 pm  u jekk riedet tkellmu kien jippretendi li tikkomunika mieghu permezz tal-email. Kien jinsisti u jibghat patafjun emails ghax qal li ried jurihom lill-minuri meta jikber sabiex jinduna li l-attrici kienet omm hazina. Kien irid ikun jaf ezattament x'kienet tat lill-minuri jiekol  ukoll, kien impossibbli li tikkomunika mieghu. Imbaghad zdiedu l-isleepovers u l-attrici tghid li hafna drabi l-minuri jkun man-nanniet paterni u jkun hemm drabi li lanqas jara lill-konvenut.

L-attrici tikkonferma li sallum ghada tattendi d-Domestic Violence Unit, fejn is-social worker taghha hija Amanda Galea.

L-attrici tkompli tghid li l-konvenut kien jahseb li hu superjuri minnha f'dak li jirrigwarda t-trobbija tat-tifel. Ghalih kulma kienet taghmel huwa hazin u kien ta l-opinjoni li ghandha tmur ghall-ghajnuna ta' child development professional. L-attrici ssemmi diversi episodji li juru dan.

Wara incident li sehh f' Father's Day, meta l-minuri ghamel card ghall-konvenut u dan sabbatha mal-art, l-minuri baqa' jibki kull darba li kien imur ghalih missieru, izda l-attrici tghid li xorta wahda kienet tibghatu. Dan l-episodju kien halla impatt fuq it-tifel minuri, izda l-konvenut jibqa' jichad dan il-fatt u jwahhal fl-attrici li kienet tqajjem lit-tifel f'salt u ghalhekk kien jibki.

Il-konvenut lanqas kien ikkoopera maghha in kwantu jirrigwarda l-iskola tat-tifel. Xtaqet tirregistrah gewwa nursery, izda l-konvenut beda jopponi peress li fil-fehma tieghu, it-tifel ma kienx lest li jibda nursery u postu kien ahjar gewwa mother and baby club u setghu jattendu jew hu jew l-attrici. Minhabba l-opposizzjoni, l-attrici kellha tirrikorri ghall-Qorti u tinghata

awtorizzazzjoni biex tibghat lit-tifel nursery u sabiex tapplikalu ghall-iskola tal-Gvern fejn kellu jibda f' Settembru, 2015.

L-attrici ssemmi diversi episodji li qed ikollha tiffaccja mal-konvenut fil-mori tal-proceduri, minhabba li jirrifjuta li jikkomunika maghha u jikkoopera. Ghalhekk kellha tiffaccja problemi biex tibghatu summer school, ghax kull darba li kienet tinforma lill-konvenut, lanqas kien jirrispondiha. Meta riedet tibghatu Skola Sports, il-konvenut oppona u dan minhabba l-hinjiet u kkomunika direttament maghhom biex javzahom li l-minuri ma kienx ser jattendi aktar. L-attrici tikkonferma li kellha taccetta l-hinijiet tal-konvenut biex it-tifel ikompli jattendi.

L-attrici tkompli tghid li l-konvenut kien juza' l-istess atteggjament meta kien jehtieg li l-minuri jiehu l-medicina. Kien jirrifjuta li jaghtihielu. L-istess ghamel biex itiha l-passaport sabiex issiefer bil-minuri. Kellu jigi ddepositat il-Qorti u minflok zammu ghand l-avukat tieghu.

Ma kkooperax lanqas in kwantu jirrigwarda l-laqghat in preparazzjoni tal-precett u qatt m'attenda l-laqghat tal-genituri.

Ma jghinx fil-homework, waqt li t-tifel minuri jkun ghandu ghall-access hi tispicca jkollha taghmel il-homework mieghu wara s-7.30 pm meta t-tifel imur lura d-dar.

Illum tghid li l-konvenut waqqaf il-Father' Rights Movement.

Dwar il-play therapy, fuq parir tal-Qorti hasbitha sew jekk ghandux ikompli u tghid li ddecidiet li l-isports iktar kien qed jaghmillu gid u kien qieghed jiehu gost imur il-lezzjonijiet tal-ghawm. Il-konvenut sab

problemi ghal dawn il-lezzjonijiet peress li kienu fil-hin tal-access tieghu, izda accetta biss bil-kundizzjoni li meta jispiccaw is-sezzjonijiet jerga' jmorru lura ghall-hinijiet stabbiliti.

Dwar il-manteniment, l-attrici tikkonferma li l-konvenut qed ihallas is-somma ta' €300 u dawn ma jinkludux l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha. Qed titlob li dan l-ammont ikun ta' €450. [1]

2. Il-konvenut kien iltaqa' mal-attrici f'Ottubru, 2009 u f'dak iz-zmien kienet ghaddejja minn perjodu hazin, peress li kienet qed tissepara minn mar-ragel taghha minn zwieg precedenti. Il-konvenut izid jghid li llum hu konvint li l-attrici ma kinitx lesta ghal relazzjoni meta bdiet tohrog mieghu u kienet uzatu biex tasal ghal dak li riedet mir-relazzjoni li kienet fiha qabel, li jkollha tarbija, izda kienet tinsisti li z-zwieg taghha ma kienx gie kkunsmat.

Jiddeskrivi lill-attrici bhala persuna ghazziena, li kienet tiddependi hafna fuqu u kull meta kienet taghmel xi haga sura, kien jikkumplimentaha u jfahhara sabiex jinkorraggiha.

Jispjega li l-genituri tal-attrici kienu jikkontrollawha u kienet tgerger ukoll li kienu *overprotective*, tant li kienet tkun imdejjqa w depressed u jkollha tmur ghand il-psikjatra. Ihoss li dan ser ihalli impatt fuq il-minuri F. Kien jiehu hafna pacenzja biha, iwassalha kullimkien ghax ma kinitx issuq u kien sahansitra jiehu l-leave mix-xoghol biex ighinha bit-tifel.

---

[1] Ara DOk. EZD a FOL.+-823 tal-process.

Ighid ukoll li l-attrici hija persuna halja li m'ghandhiex sens ta' flus. Kienet ukoll saret iktar ghazziena minn qabel u kien hass li waqa' hafna xoghol fuqu, tant li kien ghamel lista bix-xogholijiet li kull wiehed minnhom kellu jaghmel.

Il-genituri tal-attrici kienu jindahlu wisq u meta kien ikun jaf li qedghin ghandu, kien jibqa' x-xoghol sakemm jitilqu. L-indhil taghhom kien gravi. Il-konvenut jinsisti li hu kien jipprova jghin lill-attrici u jakkomodaha f'kollox, anke meta bdiet isegwi kors ghamel arrangjamenti biex jahdem bit-teleworking, biex ighin bi-minuri F, izda mbaghad beda jghajja. Kienu anke marru ghand family therapist u ghand id-Direttur ta' Kana li kienu lkoll gibdu l-attenzjoni lill-attrici li kellha tiddeciedi fejn kienet il-lealta' taghha jekk hux lejn il-genituri taghha jew lejn il-familja gdida taghhom.

Il-konvenut jilmenta ukoll li l -attrici ma kinitx tiehu hsieb x'kienet taghti tiekol lill-minuri, filwaqt li hu kien jaccerta ruhu li kien ilestilu ikel sostanzjuz. Kien jixtri kollox hu, kif ukoll jiehu hsieb dak kollu li kien jikkoncerna l-kura tal-minuri.

Il-konvenut jinnega li kien il-leader fir-relazzjoni. Ma kienx jiddeciedi ghaliha jghid, izda kienu jiddiskutu u jiddeciedu flimkien. Ighid ukoll li kien hemm drabi fejn l-attrici kienet terga' tmur lura minn kelmitha.

Jinsisti li l-attrici kienet ghazziena u minhabba f'hekk kellhom jaghmlu lista tax-xoghol tad-dar li kellhom jaqsmu bejniethom. Din il-lista kienu ghamluha flimkien.

Jinnega li ma kellhomx kcina, izda kien ghamilha hu mill-injam li kien ghar-recycling. Jichad li kienu krew appartament Hal Safi, peress li l-post

tal-Hamrun ma kienx komdu, izda jikkonferma li kien hemm biss kamra tas-sodda wahda. Kienu ddecidew li jitilqu mill-Hamrun sabiex ikunu f' post aktar arjuz minhabba li kienet gejja t-tarbija. Ma kienx hemm kamra wahda fil-post ta' Hal Safi.

Jinsisti li fil-fehma tieghu, l-attrici uzatu ghax riedet tarbija. Jichad ukoll li kien ghamel kundizzjoni lill-attrici li jekk ma jkollhomx tfal kien ser jitlaqha. Ighid li kienet decizjoni tat-tnejn li jkollhom tarbija u lanqas setghu jizzewwgu peress li l-attrici kienet ghadha qed tistenna l-annullament. Jinnega ukoll li kien vjolenti mal-attrici u anke mal-minuri u li kien jipprova jikkontrollaha. Kien hemm darba meta waddab il-fan mal-art, izda qatt ma kien jissikkaha mal-hajt jew ighajjat f'wicc it-tifel. Jichad li kien jixrob hafna, izda kien jiehu ftit inbid kuljum.

Dwar ir-ritratti li hadu meta l-attrici kienet tqila, jinnega li kien hu li nsista maghha li tiehu ritratti gharwiena, izda kienet ser tiehu banju u ntebhet li ma kellhiex ritratti taghha tqila u kien ghalhekk li hadu dawn ir-ritratti. Jispjega li meta l-attrici ddecidiet li riedet terga' tmur tahdem, kien irranga max-xoghol biex ikollu teleworking agreement sabiex ikun jista' jghinha bit-tarbija u kien ighinha bil-*weaning*.

Jikkonferma ukoll li darba kien irrabja wara li omm l-attrici kienet marret tghinha jahslu l-post u kienet caqalqet xi affarijiet u li kien waddab pakkett tal-gallettini. Jiddeskrivi lill-attrici bhala ghazziena. Dwar il-fatt li ma halliex lill-attrici tmur turi lill-minuri lin-nannintha, jichad dan u jghid li oppona ghax il-ftehim kien li jmorru bhala familja u ghalhekk kien telaq mix-xoghol biex jara ghalfejn il-ftehim kien inbidel. Fil-fatt imbaghad ma marrux ghandha.

Dwar il-fatt li l-attrici kienet tikkomunika mal-genituri taghha b'skype jew mobile peress li ma kienx hemm landline jikkonferma dan u kien ikun jaf x'qed jintqal kemm il-darba kien jinserta fl-istess kamra ghax l-attrici ma kinitx tilbes speakers. Ighid ukoll li kien jippreferi jibqa' barra sakemm il-genituri taghha jkunu telqu mid-dar, ghax ma kienx ikollu aptit jigi lura d-dar mix-xoghol u jsib lil kulhadd ma' wiccu.

Jichad li kien jisforza lill-attrici biex tipprova tippressja bizzejjed halib minn sidirha biex ikollu x'jitma lit-tifel minuri, anke meta ma kellhiex bizzejjed. Madanakollu, jichad li kellu problema tax-xorb kif tallega l-attrici u r-ritratti li kellha tal-flixken kienu biss minhabba kien iwarrabhom minhabba r-rickilagg.

Jghid ukoll li l-attrici kienet imdejjqa u depressed fiz-zmien li kienet qed tistenna t-tarbija li kienet tmur ghand il-psikjatra Ethel Felice u kienet talbet ghall-estensjoni tat-tesi li kienet qed tahdem fuqha ghall-Masters.

Meta l-problemi aggravaw kienu marru jkellmu counsellor, li skond il-konvenut kien qal lill-attrici li kellha tiddeciedi fejn kienet il-lealta' taghha jekk mal-genituri taghha jew mal-konvenut.

Jikkonferma li l-attrici kienet telqet bil-minuri fil-21 ta' Marzu, 2014 u allegat li kien vjolenti maghha, Filwaqt li jinnega dan, jinsisti li kienet hi vjolenti mieghu kemm emozzjonalment, kif ukoll fizikament.

Meta telqu lil xulxin, il-konvenut jispjega li sabha difficli jikkomunika mal-attrici, l-ewwel bil-fomm u mbaghad kien iddecieda li jibda jibghat emails u kkonferma li fl-emails kien jakkuza lill-attrici li abbandunat lill-

familja. Jammetti li kien jibghat diversi emails lil diversi persuni, u dan sa fejn kien jikkoncerna l-minuri.

Ighid li kien qabbad social workers minn jeddu, meta gara li l-minuri ma kienx irid imur mieghu u kien jibki u fil-fehma tieghu dan kien minhabba li l-attrici u l-genituri taghha kienu jqajjmu lit-tarbija u kien ikun nofsu rieqed. Dawn is-social workers kienu kkonkludew fir-rapport taghhom li l-minuri ghandhu jigi ppreparat ahjar. Cahad li l-problema tal-minuri li jghaddi l-urina l-iskola ma kienx minhabba li kien jikkontrollah u jichad ukoll li kien jezercita *force feeding* fuq il-minuri.

Jammetti li kien bghat ir-rimettar tat-tifel minuri lill-attrici.

Il-konvenut jikkonferma li ma kienx kuntent bl-access kif kien qed jigi ezercitat ghax ried ikun tajjeb ghaz-zewg genituri. Ighid ukoll li wara hafna rikorsi seta' jara lil ibnu iktar minn siegha fil-gimgha.

Dwar meta l-minuri kien mieghu waqt l-access u kiser il-polz, jghid li ma kienx informa lill-attrici mill-ewwel peress li kien hemm emergenza, li jinforma lill-attrici kienet xi haga sekondarja.

Kien hemm ukoll mument meta rrifjuta li jaghti l-kunsens sabiex it-tifel jattendi skola sport u dan minhabba li l-granet li ghazlet l-attrici kienu jahbtu fl-access tieghu. Jichad li kulma kien hemm differenza kienet biss siegha li kienet ser tintuza mill-access.

Jametti ukoll li meta kien hemm xi attivitajiet fil-granet u hinijiet tal-access qatt ma cahhad lit-tifel minuri minnhom. Kien jitlob biss li jinghatalu access b'kumpens.

Jinsisti li l-attrici kienet taghmillu r-rapporti malli kienet tara li ma kienux qed jaqblu u jichad li meta l-attrici ma hargitx ghall-minuri mar l-ghassa wahdu, izda jinsisti li l-attrici kienet marret ukoll u mar ghax anticipa x'kienet ser taghmel.

3. **GD**, omm il-konvenut tghid li meta l-attrici kienet bdiet tohrog mal-konvenut kienu jaqblu hafna. Rat tibdil fl-attrici meta kienet harget tqila. Kienet targumenta hafna mal-konvenut. Kienet takkuza lill-konvenut li ma riedx jizzewweg, Saret taf li ma kienx minnu u ma setghux jizzewwgu peress li l-attrici ma rnexxielix takkwista l-annullament civili.

   Issemmi li l-konvenut kien ihobb jipprepara ikel organiku ghat-tifel u meta kien jirrifjuta li  jiekol, l-attrici kienet itih il-gallettini u dan kien jirrita lill-konvenut. Tghid li ma kienx hemm dubbju li l-attrici kienet thobb lil binha.

4. **Colette Maskijevic**, senior social worker fid-Domestic Violence Unit fl-Agenzija Appogg. Ikkonfermat li l-attrici kienet marret tkellimha f'April, 2014, xahar wara li kien inqala' l-incident bejnha u l-konvenut. Tghid li l-attrici kienet ilmentat li kienet giet assoggettata ghal abbuz kemm fiziku kif ukoll emozzjonali taht idejn il-konvenut. Minhabba f'hekk kienu zammew *risk assessment* biex jiehdu ideja tal-kaz u kif setghu jaghtu sapport lill-vittma. F'dan il-kaz, l-attrici tellghet total ta' 13, li kien jindika li kien hemm element ta' riskju, izda generalment l-oghla riskju huwa meta t-total huwa ta' 17.

   Stqarret ukoll li l-attrici semmiet li l-konvenut kien jixrob hafna cirka flixkun inbid kuljum. Ilmentat ukoll li kien isuq b'mod negligenti meta kellu l-minuri mieghu u kien izommlu idejh biex jizfurzalu l-ikel f'halqu.

Tikkonferma li mbaghad kienu assenjaw lill-attrici s-social worker Amanda.

5. **Amanda Galea**, social worker, kienet tahdem mad-Domestic Violence Unit fl-Agenzija Appogg u kienet bdiet tara lill-attrici fl-20 ta' Awissu, 2014. Tikkonferma li qatt ma kienet iltaqghet mal-konvenut u hi li taf minn dak li qaltilha l-attrici. Sa dak iz-zmien, l-attrici kienet telqet mid-dar u kienet qed tghix mal-genituri taghha. Kienu bdew imbaghad jinqalghu problemi ta' access, ghax il-konvenut kien jirritorna lill-minuri u kien jirrifjuta li jhallih mal-genituri tal-attrici, jekk kemm il-darba ma kienx ikun hemm l-attrici. L-attrici kienet tinsisti li ma kien hemm xejn fid-digriet li kien igieghlha tkun id-dar meta l-konvenut iwassal lill-minuri. Ix-xhud tikkonferma li l-attrici kienet tidher inkwietata u kienet ghajjiet b'dawn l-incidenti kontinwi.

   Kien hemm ukoll xi dizgwid peress li l-attrici xtaqet tibghat lill-minuri child care qabel ma jibda skola regolari, filwaqt li l-konvenut kien jahdem bit-teleworking u ghalhekk kien qed jippretendi li jzomm lill-minuri hu u spiccaw li dina l-kwistjoni kellha tigi deciza mill-Qorti.[2]

6. **Charmaine Scicluna**, social worker mal-Agenzija Appogg tghid li f'Marzu, 2015 il-konvenut kien talab appuntament mal-Agenzija Appogg u ried informazzjoni dwar proceduri tal-access jew monitoring tal-access. L-ilment tieghu l-iktar kien minhabba li l-minuri ma kienx qed jigi preparat ghall-access minghand ommu ghax meta kien jitlaq minghand ommu kien

[2] Ara Dok. AG 1

jibki. F'Settembru, 2016 kienu bdew bl-access taht supervizjoni. Tghid li l-partijiet kienu kkooperaw hafna maghhom.

Tikkonferma li kienet tkellmet mal-attrici sabiex meta t-tifel jibki jmur ippreparat izjed ghall-access. Kienu bhala Agenzija jzommu lill-Qorti aggornata u wara xahrejn supervizjoni, il-Qorti kienet ordnat li jsir *monitoring*. Dan kien qed isir nofs siegha qabel mal-minuri jmur ghall-access ma' missieru u nofs siegha mill-access tal-missier. Waqt il-*monitoring* tal-omm kien jidher li l-minuri ma kienx ikun ippreparat bizzejjed, bhal kien ikun ghadu rieqed. Imbaghad lejn l-ahhar tal-*monitoring,* it-tifel kien ikun preparat.

Fil-kaz tal-konvenut, il-*monitoring* kien pozittiv. Il-monitoring dam bejn Jannar u Frar tas-sena 2016. Kienet ghamlet rapport.[3] Tispjega li s-social workers prezenti waqt l-access kienu osservaw li l-konvenut kien jaghti wisq importanza ghad-dieta' tal-minuri u dan billi jiehu hsieb jixtri affarijiet li fihom ingredjenti naturali, frott u haxix.

Tghid ukoll li l-konvenut kien jibghatilha emails wara kull visit u dan kien tip ta' feedback dwar kif kien mar l-access u kienet spjegatlu ukoll li kienet tircievi feedback minghand is-supervisors ukoll u ghalhekk mhux dejjem kienet tirrispondi l-emails tieghu.[4] It-tnejn kienu jikkonfermaw li l-access kien pozittiv. Dwar kancellamenti tal-access, tghid li kien hemm darba biss u dan kien minhabba li l-minuri kien ma jiflahx u l-attrici kienet ipprezentat certifikat mediku.Tikkonferma ukoll li fil-festi pubblici hemm supervisors li lesti jahdmu u ghalhekk il-vizta tista' ssir xorta. Tikkonferma li r-rapport taghha kien ibbazat fuq il-feedback tas-supervisors.

[3] Ara Dok. PT

[4] Ara Doks. PT 1 _ PT 5

7. **HI** kien jaf lill-konvenut ghax ghamlu zmien kollegi. Ighid li l-konvenut kien ikellmu hafna dwar ir-relazzjoni tieghu mal-attrici u dwar it-tarbija. Kien ighidlu li lit-tarbija kien jaghtiha organic food u kien jaghmel hafna ricerka. Ighid ukoll li darba kienu marru ghandhom il-partijiet u kien innota li l-konvenut kien jaghti attenzjoni kbira lill-minuri. Kien rah itih il-bottle u l-ikel. Kien qallu ukoll li wara li hu joqghod attent dwar l-ikel li jaghti lill-minuri, il-genituri tal-attrici kienu jaghtuh ikel milli jigi u kien jispicca frustrat.

   Kien jilmenta mieghu li l-genituri tal-attrici kienu dominanti u kienu jinfluenzaw lill-attrici, tant li kien isib dina l-haga frustranti. Qallu ukoll li kien hemm problema ta' komunikazzjoni wara li l-partijiet kienu telqu lil xulxin u dan minhabba li waqt l-access, meta kien imur jigbor lill-minuri dejjem kienu jwassluh il-genituri tal-attrici.

   Dwar il-konvenut ighid li jafu bhala persuna kalma u tolleranti u qatt ma kien jafu bhala persuna vjolenti.

8. **Saviour Theuma**, in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali kkonferma li l-attrici qed tircievi childrens allowance ta' €20.23 fil-gimgha u dina r-rata ilha effettiva sa mit-2 ta' Jannar, 2016. [5]

   Dwar il-konvenut ighid li dan ma jircevix beneficcji.

9. **Dr. Patrick Sammut** huwa l-pedjatra tal-minuri F u kien jarah fl-ispizerija z-Zurrieq. Kien hu li laqqam lit-tifel u kien jarah kull meta kellu xi mard

---

[5] Ara Dok. ST 1

komuni tat-tfal. Jikkonferma li l-ahhar li rah it-tifel kien jinstab fi stat ta' sahha tajba u bhala zvilupp kien qed jilhaq il-*milestones* normali tieghu. Ikkonferma li kien hemm xi problema bil-*urine*, peress li l-minuri kien qed izommha u ghalhekk kien qed isibha difficli biex ighaddiha. L-attrici kienet inkwietata sew u sa anke kienet hadet lill-minuri l-isptar, izda jikkonferma li minn dakinhar ma kienx segwa dan il-kaz izjed.

Jispjega ukoll li l-iktar li kellu kuntatt kien mal-attrici u kienet tidher *psychologically distressed* u inkwietata minhabba li l-konvenut kien qed jipprezenta hafna rikorsi l-Qorti u ma setghetx tkun serena bizzejjed biex tiehu hsieb it-tifel bl-ahjar mod.

It-tabib ikompli jghid li kien hemm drabi fejn il-konvenut kien ikkomunika mieghu meta t-tifel ma kienx jiflah sabiex jaccerta ruhu li kien kollox sew, pero' jghid li dan ma kienx jigri ta' kull darba.

Dwar vaccini jikkonferma li kienet thallashom l-attrici u kellu kollox kif suppost ghal dak li rikjest tassattivament minghand il-Gvern. Hemm xi uhud mill-vaccini li mhumiex obbligatorji u ghalkemm kien tah parir lill-attrici biex taghtihomlu jista' jehodhom meta jrid u dawn huma l-Leningococcus u c-chicken pox.

10. **PC 1007 Jean Paul Pizzuto** ipprezenta diversi rapporti li ghamel il-konvenut fil-konfront tal-attrici bl-allegazzjoni li ma kinitx qed thallih jara lit-tifel.[6]

[6] Ara Doks. JP1, JP 2 u JP4.

Hemm rapport li ghamlet ukoll l-attrici fil-konfront tal-konvenut peress li meta telqitu ma kienx ghaddielha xi oggetti personali taghha, fosthom il-passport taghha u ridithom immedjatament.[7] Fuq dan ir-rapport is-surgent ikkonferma li kien ittiehed azzjoni.

11. **Maria McNamara** hija Direttur Generali tal-Educational Services u dwar it-tifel minuri F tghid li huwa tifel intelligenti u minkejja li ghal bidu kien hemm xi dizgwid minn ser jigbor u jwassal it-tifel, l-affarijiet ittrangaw bl-intervent tal-iskola. Kienet twasslu l-attrici u kien hemm mumenti fejn il-konvenut kien jivverifika dwar dan mal-iskola u kien jibghat emails.

Tikkonferma ukoll li t-tifel minuri kien jattendi l-iskola b'mod regolari u ghall-bidu kien hemm xi problemi bit-toileting, imma din kienet haga komuni meta jkunu zghar.

Tkompli tghid li dan it-tifel huma mizmum tajjeb mill-genituri u sa fejn kienet infurmatha kien hemm kura u kustodja konguntiva u l-missier kien jikkomunika maghha. [8]

12. **JKL** kien il-gar tal-partijiet. Ighid li kien jisma' hafna argumenti bejn il-koppja, izda ma setax jifhem il-kliem peress ma kienx jifhem bil-Malti.

Jiftakar f'zewg episodji fejn l-attrici kienet qed tibki, u fl-ahhar incident kienet marret ghandu l-attrici u kienet mbezza' hafna. Dakinhar jikkonferma li l-partijiet telqu lil xulxin. Kien ikkonvinciha sabiex iccempel lill-genituri taghha u tmur ghandhom. Jinnega li kien hemm il-pulizija nvoluta. Izid ighid ukoll li kien saqsiha jekk kinitx vittma ta'

[7] Ara Doks. JP 3.
[8] Ara Dok., EZD a fol. 553 tal-process.

vjolenza domestika u nfurmatu li kien hemm drabi meta l-konvenut kien ikun aggressiv hafna maghha.

13.**MN**, kap tal-iskola Primarja Zabbar A, Kullegg Santa Margerita, fejn jattendi l-minuri F. Jikkonferma li l-konvenut kien bghat email lill-iskola ghax kien sab oggezzjoni li t-tifel minuri jingabar minn nanniet materni. [9]

Dwar l-oggezzjoni li kien hemm fl-20 ta' Ottubru, 2017[10] ighid li kien talab lill-konvenut biex jitkellem mal-Principal li kien OP wara li kien tkellem mal-Principal huwa stess biex jitolbu direzzjoni mill-gdid. Jikkonferma li l-konvenut kien oggezzjona xi tlett darbiet biex it-tifel minuri ma jingabarx minn nanniet materni.

Izid ighid li sa fejn kien jaf ma kienx hemm il-firma taz-zewg genituri sabiex it-tifel minuri jattendi din l-iskola.

14.**QR** oht l-attrici, tiddeskrivi lill-konvenut bhala persuna dominanti u *controlling,* tant li kien ikkonvinca lill-attrici biex tmur toqghod mieghu, ghax dak iz-zmien ma kienitx isuq, minkejja li l-genituri taghhom ma kinux kuntenti b'din id-decizjoni. Ma riedx jizzewweg u lill-attrici kien qalilha li jizzewweg biss jekk ikollhom it-tfal qabel iz-zwieg, haga li l-genituri taghhom kienu kontra u minhabba dan spicca li l-konvenut kien hadha kontrihom u bil-kemm kienu jispiccaw jaraw lill-attrici. Imbaghad, mill-Hamrun kien hadha tghix Hal Safi u hawn kienet iktar 'l boghod.

Tikkonferma l-glied li kien hemm bejn il-koppja minhabba li ried lill-attrici tbiddel kunjomha minn fuq ic-certifikati li kellha u dan peress li kien jidher

[9] Ara dok. AD1
[10] Ara Dok. AD 2

il-kunjom li kienet iggorr tal-ewwel zwieg, li minnu kienet qed tistenna annullament. Tikkonferma ukoll li dakinhar il-konvenut kien taha kedda u kienet tqila, tant li l-ghada kienet haditha taghmel ultrasound sabiex iserrah mohha li kollox kien sew.

Meta welldet l-attrici, tispjega kif kellha xi tghid mal-konvenut, peress li minkejja li hija midwife u ghalhekk kienet prezenti ghat-twelid ta' F, ried jindahal kif l-attrici ghandha tibbreastfidja. It-tifel minuri kien dam xi gimaghtejn bla isem u dan peress li l-konvenut kien ried li jsibu isem flimkien. Meta marru lura d-dar bit-tarbija, l-problemi kien zdiedu u dan minhabba li anke meta ppruvat tmur tghinha tahsel it-tarbija rrifjutat peress li l-konvenut kien jirrabbja.

Oht l-attrici tkompli tispjega li kien hemm diversi incidenti mal-konvenut li kienu jhallu lill-attrici mdejjqa. Ma riedx ighammed it-tifel, ma kienx iridha tiltaqa' maghhom u lanqas ried idahhal l-internet fil-post ta' Hal Safi u meta kienet marret tistudja l-Inghilterra ghal sena, bil-kemm ikkomunikat mal-attrici.

Tghid li kienet titkellem mal-attrici u tghidilha biex tahsiba sew jekk trid tkompli b'din ir-relazzjoni, imma kienet tinsisti li kienet thobb lill-konvenut u kienet tixtieq li jirrangaw minhabba l-minuri. Imbaghad fil-21 ta' Marzu, 2014 kienet sabet il-kuragg u telqet lill-konvenut.

Izid tghid li minn mindu nfirdu, il-konvenut kien qed jaghmel l-istess mal-minuri F u wara li jigi lura mill-access ikun imbezza' u jkun iggranfat mal-attrici.

Tikkonferma li l-konvenut qed jikkrealha problemi ghal dak li jirrigwarda skola u l-vaccines u biex jintoghgob, il-konvenut kien ikellem lin-nies ikkoncernati minn wara dahar l-attrici sabiex u jidher bhala persuna *caring*, meta fil-fatt mhu xejn minn dan, anzi huwa persuna dominanti u egoist.

15. **ST**, missier l-attrici jikkonferma dak kollu li xehdet oht l-attrici Q u jghid li bhala genituri kienu ndunaw li l-konvenut ma kienx kuntent li l-attrici tqatta' hin maghhom. Kienu jmorru ghandhom ftit wisq, l-iktar il-Hdud ghall-ikla ta' nofsinhar u b'mod alternattiv.

Jispjega li l-attrici kienet tiftah qalbha maghhom li kienet mhassba bil-mod kif il-konvenut kien jittrattaha u kien issuggerilha li jmorru ghand psikologu u kien hadha ghand wiehed, kif ukoll ghand family therapist. Kien spicca mbaghad imur ghall-attrici hu stess u jehodha ghandhom u kienet tqatta' nofstanhar.

Missier l-attrici jkompli jikkonferma diversi incidenti li semmiet hi kif ukoll gew ikkonfermati minn oht l-attrici Q. Ikkonferma ukoll li l-attrici kienet telqet lill-konvenut fil-21 ta' Marzu, 2014 u jikkonferma ukoll li l-incident kien sehh minhabba ritratt tal-flixken tal-inbid li kien rah il-konvenut fil-kompjuter tal-attrici. Missierha jghid li kien mar ghaliha u ghat-tifel, fejn kienu sabu  kenn ghand JKL, il-garr taghhom.

Wara li telqu lil xulxin, missier l-attrici jkompli jispjega kif il-konvenut baqa' jaghmel hajjet l-attrici difficili, tant li kellha taghmel rikors sabiex il-genituri taghha setghu jigbru lit-tifel meta l-konvenut jirritornah mill-access. L-istess kellha taghmel rikors biex il-minuri jkun jista' jattendi childcare centre.

L-incidenti baqghu sejrin u missier l-attrici jsemmi elenku shih taghhom b'konferma ta' dak li xehdet l-attrici. Jinsisti li l-minuri ma kienx irid imur ma' missieru l-konvenut u kien jibki hafna. Il-konvenut kien jakkuza lill-attrici li kienet qed tqajjem lill-minuri mir-raqda ftit qabel ma jmur ghalih. Isemmi diversi episodji ohra fejn il-minuri kien jibki biex imur ma' missieru. Wara l-access hafna drabi, il-minuri jigi lura b'hafna rabja u jkollhom dejjem jikkalmawh u kien jirritorna juza' lingwagg li ma juzawx huma.

Missier l-attrici jikkonferma li l-konvenut kien difficli biex tikkomunika mieghu u l-attrici kien ikollha ccedi diversi drabi. Ma kienx jikkoopera maghha lanqas fejn kienet tirrigwarda sahhet il-minuri.

16. **UT** omm l-attrici tistqarr li kienu ltaqghu l-ewwel darba mal-konvenut meta l-attrici kellha attakk ta' asthma kbir u kien ghalhekk li kellha tittiehed l-isptar. Dakinhar, anke jekk l-attrici ma kinitx tiflah, kienet indunat li l-konvenut ma kien qal xejn u kien bla emozzjoni.

Tistqarr li l-attrici kienet tifla kwieta u ndunat li fir-relazzjoni taghha mal-konvenut kien dominanti wisq u kien ikkonvinciha sabiex tmur tghix mieghu l-Hamrun. Kienet saret izjed maghluqa fiha nnifsha u kkwietat izjed. Wara saret taf li dan kien minhabba li l-konvenut kien iwissiha biex tevita tissocjalizza maghhom.

Xahar qabel ma l-attrici welldet, kienet marret tghinha fil-post ta' Hal Safi tnaddaf. Meta l-konvenut sar jaf kien ghamel xenata u beda jfarrak il-gallettini u jwaddabhom mal-art. Omm l-attrici tinsisti li qatt ma riedet tindahal, li kienet taghmel kien biss biex tghinhom.

Imma wara li telqu lil xulxin, l-attrici kienet qaltilha li l-konvenut ma kienx jiehu gost li titlob l-ghajnuna minghandha u li lanqas kien jiehu gost jekk kienu jcemplu lil xulxin. Ziedet tghid li l-konvenut ma kienx ihalliha tmur ghandhom u qatt ma kien iwassalha, kien missierha li kien ighaddi ghaliha. Il-konvenut lanqas kien imur tajjeb ma' hut l-attrici.

Maz-zmien, waqt li kienet qed tredda lill-minuri, kienet bdiet tonqos hafna u tghid li kienet haditha ghand it-tabib tal-familja Dr. Noel Camilleri, li kien qalilha biex tiehu hsieb iniffisha.

Il-ftit li kienu jmorru ghandhom, omm l-attrici tghid li kienu jippruvaw ma jdumux peress li l-konvenut kien jaghmel mezz li ma jkunx hemm meta jkunu hemm huma. Kienet indunat li kien hemm hafna flixken tal-inbid fil-gallerija u l-attrici kienet qaltilha li l-konvenut kien iqatta' s-serati fil-gallerija jixrob u jpejjep mal-art.

Ikkonfermat l-ezistenza tal-lista tax-xogholijiet li l-partijiet kellhom jaghmlu fid-dar minhabba d-dominanza tal-konvenut. Kienet indunat ukoll b'din l-attitudni meta kellhom argument fuq it-tgholija ta' bajda.

Omm l-attrici tikkonferma li l-attrici kienet telqet lill-konvenut fil-21 ta' Marzu, 2014 u tikkonferma diversi incidenti li semmiet l-attrici u gew ikkorroborati minn missierha. Izid tghid ukoll li l-konvenut kontinwament jaghmel ir-rapporti kontrihom, tant li ghandhom diversi kawzi kriminali pendenti. Il-konvenut ma jikkoopera f'xejn.

Tispjega li l-konvenut qed ighaddi l-ammont ta' €300 bhala manteniment ghall-minuri, izda qatt ma kkontribwixxa ghall-ispejjes edukattivi u tas-

sahha u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri. Tistqarr li dan l-ammont mhux bizzejjed u jkollhom ighinu lill-attrici finanzjarjament huma.

Jinstabu inkwietati ghaliex ghalkemm kienu ndunaw li l-konvenut ghandu karattru vjolenti u dominanti, kien qed jirreagixxi bl-istess mod mal-minuri, tant li wara li t-tifel kien tilef loghba football mal-konvenut, kien ikkastigah u sawwtu, tant li t-tifel Edison beza' jmur ma' missieru. Kull meta jkun mieghu jaghmillu hafna domandi fuqhom u qed jinsisti mieghu biex jorqod gharwien, haga li l-attrici qed topponi.

*17.* **Denise Birmingham**, kienet gie appuntata bhala *play therapist* ghall-minuri Edison mill-Qorti u kienet zammet 33 sessions mieghu li bdew fit-30 ta' Awissu, 2017 sat-18 ta' Gunju, 2018. F'dan il-kaz tghid li mhux bhall-kazijiet li jkollha ssoltu ghax ma rnexxilhiex tikkomunika mal-konvenut u ghalhekk ma setghetx tiddiskuti mieghu jekk kienx hemm xi *concerns.*

Mill-ewwel sessions irrizultalha li kien hemm hafna insigurta' fil-minuri u kien jibki u jaghmel ix-xenati peress li kien jibza' li ommu kienet ser titlaq.

Mis-sezzjonjiet kienet rat ukoll li l-minuri kellu hafna emozzjonijiet li kienu qed jinbidlu, izda mit-terapija, l-attrici kienet qaltilha li kien jiftah qalbu iktar maghha.

Is-sezzjonijiet kienu waqqfu peress li skond l-assessment kien hareg posittiv u biex jimxu 'l quddiem kellha tkellem lill-konvenut.

Kienu jezistu ukoll *anger issues* u tghid li lilha kien qalilha li ried joqtolha, izda tghid li dina kienet haga normali la darba kienet it-terapista tieghu. Maz-zmien ma baqax ighidilha hekk u f'dan is-sens kien hemm titjib.

Dwar l-attrici tghid li l-minuri kien ihobbha hafna u l-insigurta' tieghu bdiet tonqos.

Meta kienet qed tirreferi ghall-assessment tal-minuri, tghid li ghar-rigward il-prosocials mal-omm ma kienx hemm inkwiet u lanqas mieghu nniffsu, li kien hemm naqra inkwetanti kienet ir-relazzjoni bejn il-minuri u l-ghalliema, izda kien jidher li anke hawn kien qed jitjieb. Dwar il-*psychological scores* tghid li emozzjonalment iktar kien it-tifel u kien hemm izjed distakk minn naha tal-attrici u l-ghalliema.

Tghid li la darba tkun hasset li hemm improvement twaqqaf is-sezzjonjiiet u wara li tkun tkellmet mal-genituri, izda f'dan il-kaz dejjem kien ser jibqa' d-dubbju minhabba li ma rnexxielix titkellem mal-konvenut. Peress li ma kienx hemm relazzjoni armonjuza bejn il-genituri, kienet issuggerit li jkun hemm *therapeutic monitoring.*

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

**<u>KURA U KUSTODJA</u>**

Fil-mori tal-proceduri, l-kura u kustodja kienet wahda kongunta ghall-partijiet**.** Kemm-il darba gie stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li f'kawzi bhal dawn, il-Qorti ghandha dejjem tikkkonsidra l-aqwa interessi tal-minuri. Fil-kawza **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless**

deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Dicembru, 1858, il-Qorti rriteniet illi:-

***"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu' atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si peputino spedienti del vantaggio di tali figli."***

Illi jinghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **John Cutajar vs Amelia Cutajar et** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it 28 ta' Jannar, 1956) u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** (deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru, 2003):-

***"illi "apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti "in subjecta materia," li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonjiet bhal din insorta f'din il-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u "de facto" li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut."***

Fis-sentenza **Sylvia Meli vs Philip Vassallo** Qorti tal-Appell 25.11.1998 fejn dik l-Onorabli Qorti qalet illi:

***"In this case the court must do what is in the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should***

***be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child.***

Iz-zewg partijiet qed jinsistu li jkollhom il-kura u kustodja eskluzziva rispettivament. L-attrici da parti taghha qed tinsisti li ghandha tinghata l-kura u kustodja eskluzziva stante l-fatt li l-konvenut mhux missier idoneju u dan meta huwa persuna dominanti, pikuz u kontrollanti. Takkuza lill-konvenut ta' vjolenza fizika li kienet tigi assoggettata ghaliha u dan gie kkonfermat minn Amanda Galea, social worker fid-Domestic Violence Unit li stqarret - "***Mill-history ta' Lauraine meta konna naraw li kien hemm abbuz iehor qabel dawn il-kazi, kien jikkwalifika ghal vjolenza domestika. Kien hemm qisu pattern.***"

L-attrici tiggustifika li ghandha tinghata kura u kustodja eskluzziva peress li l-konvenut kien jezercita fuqha *coercive control* li hija forma ta' vjolenza domestika. Kien jridha taghmel kollox kif jghid hu. L-attrici ssemmi li kellha lista li fiha kien hemm it-taqsim tal-faccendi tad-dar li kellhom jaqsmu bejniethom. Il-konvenut ma kienx irid lill-familjari tal-attrici jkunu prezenti d-dar taghhom, meta kien ikun hemm u lanqas kien iridhom ighinu lill-attrici meta kienet tqila. Jammeti hu stess li kien hemm okkazzjoni, fejn wara omm l-attrici kienet ghenitha jnaddfu l-post, kien irritorna l-konvenut u bhala vendikazzjoni kien farrak il-crackers u waddabhom kollha mal-art.

JKL il-gar tal-partijiet, jikkonferma li kien jisma' l-ghajjat bejn il-partijiet u kien jisma' l-attrici tibki u kienet marret ghandu ghall-ghajnuna meta kienet iddecidiet li titlaq lill-konvenut. Il-vjolenza u l-biza' tal-attrici huma lkoll ikkonfermati minn membri tal-familja taghha.

Wara li telqitu, l-attrici gabet provi sostanzjali ta' konvenut li ma jikkomunikax maghha, li ma jirrispondix l-emails taghha, pero' fl-istess hin huwa oppressiv, ghax jippersegwitaha b'numru sostanzjali ta' emails fejn jakkuzaha li abbandunat il-familja. L-istess ghamel mal-iskola u ma' tal-Agenzijia Appogg biex jinfurmaha x'kien qed jigri. Dan mhux email wiehed jew tnejn, imma patafjun emails li jeqilbu 'l hemm minn normalita'.

L-attrici ukoll tghid li l-konvenut kien ossessjonat li t-tifel ghandu jiekol biss ikel organiku u kien irid ikun jaf x'tatu jiekol. Dan huwa kkonfermat ukoll mis-social workers, kif ukoll mill-habib tal-attur HI.

L-attrici tinsisti li ma jistax ikun hemm co-parenting, meta l-konvenut mhux biss ma jikkomunikax maghha, izda lanqas hu lest li jikkoopera maghha, tant li sabet diversi intoppi da parti tieghu, fosthom, irrifjuta li jibghat lill-minuri c-childcare centre, irrifjuta li jibghat lit-tifel il-kindergarten, irrifjuta li jikkoopera ma' Denise Buckingham, li giet inkarigata biex izzomm *play therapy* mat-tifel minuri. Lanqas ma kkoopera ghall-Precett tal-minuri u hemm diversi okkazzjonijiet ohra li dina l-Qorti hadet konjizzjoni taghhom fis-sottomissjonijiet tal-attrici.

In sintesi, l-attrici qed topponi ghall-kura u kustodja konguntiva ghax essenzjalment il-konvenut huwa bniedem wisq dominanti u jezercita' wisq kontroll fuq l-attrici u hekk ma jkunx hemm xaqq ta' dawl biex jimxu 'l quddiem, ghax ghal kull pass u kull decizjoni li tiehu se jkollha tiffaccja l-jntoppi tal-konvenut.

S’intendi sabiex dina l-Qorti tasal ghad-decizjoni ser tevaluwa ukoll dak li qed jikkontendi l-konvenut u dan sabiex fl-ahhar mill-ahhar tkun konvinta li waslet ghad-decizjoni li thares ghal kollox l-interessi tal-minuri.

Fl-ewwel lok, il-konvenut jichad kategorikament li huwa jixrob hafna, li huwa kien vjolenti mal-attrici. Jispjega li dawn l-allegazzjonijiet saru mill-attrici sabiex tpingih b’mod ikrah u tipprova tallontanah minn ibnu F. Waslet sa anke akkuzatu li wettaq abbuz sesswali fuq il-minuri ibnu, minn liema akkuzi spicca gie lliberat. Gie kkonfermat ukoll mis-social workers tal-Agenzija Appogg, li kien hemm problemi li meta jkun sar il-hin tal-access, il-minuri jkun ghadu rieqed u mhux ippreparat biex jitlaq ma’ missieru. Dan kien qed jikkreja hafna dizgwid bejn il-partijiet, ghaliex, it-tifel kien iqum imheddel u jibda jibki ghax ma jkunx irid imur ma’ missieru. Bl-intervent tal-Agenzija Appogg, din is-sitwazzjoni tjiebet u l-attrici kienet qed taghmel hilitha sabiex ikollha l-minuri ppreparat ghall-access.

Il-konvenut jinsisti li ghandu jigi fdat bil-kura u kustodja eskluzziva tal-minuri peress li l-attrici tagixxi biss b’pika u minhabba antagonizmu bejniethom tonqos li thares l-interessi tal-minuri, bhal meta cahhditu minn btala mieghu ghal Spanja, wara li harget mandat ta’ impediment ta’ partenza fuq il-minuri. Il-konvenut jinsisti li kull azzjoni jew kull akkuza li taghmel l-attrici hija premeditata sabiex icahhdu milli jara lil ibnu, izda bhal dejjem iz-zejt jitla’ f’wicc l-ilma u kull tentattiv huwa futili.

Il-Qorti tosserva li mill-assjem tal-provi, l-azzjonijiet tal-partijiet *qua* genituri, m’huma xejn aktar hlief ir-rizultat ta’ relazzjoni li ma rnexxitx

u kull parti lesta li tippika u tivvendika ruhha mill-parti l-ohra. It-tnejn rispettivament mhumiex fl-ebda hin jharsu l-interessi tal-minuri, ghax kull akkuza, xi kultant anke serja hafna, li setghu kellhom riperkussjonijiet gravi ghad-detriment tal-minuri, li ghamlu huma biss biex jaghtu soddisfazzjon lilhom infushom li hargu mill-quddiem fil-kompetizzjoni bejniethom "for the survival of the fittest." Li thares l-interessi tal-minuri ma jfissirx li thallih rieqed ftit minuti sa ma jibda l-access biex joqghod jibki, li thares l-interessi tal-minuri ma jfissirx tippersegwita kull istituzzjoni li tikkoncerna lill-minuri sabiex terga' taghmel il-verifiki fuq informazzjoni li diga' tkun inghatat jew tkun ser tinghata. Li thares l-interessi tal-minuri ma jfissirx li taghtih jiekol biss ikel bnin minghajr flessibilita' ghax wara kollox huwa tifel, u bhal kulhadd ikollu aptit jiekol xi kultant ikel ta' pjacir bhal McDonalds, li bil-limitazzjoni zgur mhux ser jikkaguna hsara. Li fl-ahhar mill-ahhar ittellef btala lill-minuri ukoll mhux harsien tal-interessi tal-minuri.

Ghalhekk, il-partijiet juru hafna nuqqasijiet fil-konfront tal-wild taghhom u huma ghomja bil-fissazzjoni li jivvendikaw ruhhom minn xulxin. Jista' jaghti l-kaz li l-attrici ukoll ghandha ragun li tinsisti li peress li l-konvenut waqqaf il-Fathers Right Movement, hu juza' dan il-moviment bhala "***effort to re-establish masculine and paternal authority over women and children (Flood 2010) Fathers' rights groups typically seek an equality concerned with fathers' "rights" and status rather than the actual care of children (Rhoades 2000).***"[11] Dan per se ma jaghmilx gid lanqas ghall-minuri, izda indubbjament il-konvenut ghandu kull dritt li jiggieled ghal dak li jemmen fih, izda l-Qorti hija certa li l-konvenut ghandu ghall-qalbu l-minuri u jixtieq

[11] Michael G. Flood, "Separated Fathers and the Fathers Rights Movement" (2012) 18 (2-3) Journal of Family Studies 231, 236.

ikollu l-istess drittijiet fuq ibnu. Sfortunatament pero' l-konvenut ma jirrealizzax li biex tirnexxi bhala genitur m'hemmx bzonn ta' estremi; kull ma jehtieg huwa li tutilizza sew parenting skills tajbin, li zgur ma jipposjedix u ghalhekk jsir kompitu difficli biex iwettaq u jhares dawn id-drittijiet, ghax kontroll u dominanza mhumiex ingredjenti tajbin ghar-ricetta ta' genitur tajjeb. L-attrici ukoll tant ghandha ghall-qalbha lill-minuri, izda fl-istess waqt tibza' mill-konvenut u tara l-eliminazzjoni tieghu totali minn decizjonijiet fuq il-minuri bhala l-ahjar triq ghalihom. Fl-atteggjamenti taghha dina l-Qorti ukoll tara n-nuqqas ta' *parenting skills.*

It-tajjeb taghhom trid issemih u tirrikonixxih ukoll dina l-Qorti ghax kif semmiet Maria McNamara, Direttur Generali tal-Educational Services, it-tifel huwa intelligenti u mrobbi sew mill-genituri tieghu. Ghaldaqstant, xi haga pozittiva qed tigi mwettqa mill-partijiet.

Mill-assjem tal-provi u wara li evaluwat dak kollu necessarju sabiex jitharsu l-interessi tal-minuri, ikun opportun li l-kura u kustodja ghall-minuri F tkun wahda kongunta, b'dan pero' **<u>mhux minghajr</u>** tahrig lill-partijiet kif ghandhom jimxu bhala genituri, u ghalhekk ikun ta' gid ghal kulhadd li jigi nominat terapista tal-familja sabiex il-partijiet jattendu ghal sessjonijiet ta' Parenting Skills, bl-ghan li jifhmu li ghandhom iwarrbu l-kapricci u l-piki taghhom u jahdmu flimkien minghajr dominanza u b'kooperazzjoni biex iwettqu t-triq ghall-iktar stabilita' u kuntentezza ghall-minuri. Fuq kollox tissollecita lill-partijiet, in partikolari lill-konvenut, li fl-ebda mument m'ghandhom kapriccosament jinjoraw u jostakolaw decizjonijiet rigwardanti l-edukazzjoni u s-sahha tat-tifel minuri, kif hafna drabi sar. Inoltre, li tibghat ir-remettar t'ibnek f' borza, semplicement ghall-punt u biex

tumilja lill-omm, huwa deplorevoli ghall-ahhar. Il-Qorti tistenna hafna ahjar minn hekk mill-konvenut.

**RESIDENZA TAL-MINURI**

Il-minuri ilu jghix mal-attrici tul il-proceduri u ma sarx xi ilment li mhux kuntent ighix maghha. Anzi jidher li hemm relazzjoni soda bejn l-attrici u binha. Jinghad ukoll li l-attrici semmiet l-inkwiet taghha, li meta l-minuri jkun mal-konvenut ma jaghmilx il-homework u jkollha toqghod mieghu filghaxijiet wara li jirritorna mill-access.

Minkejja li l-Qorti hadet id-decizjoni li l-kura u kustodja ghandha tkun wahda kongunta, thoss li m'ghandhiex tbiddillu hajtu ta' taht fuq u taqsam ir-residenza tal-minuri. It-triq biex tinbena kooperazzjoni bejn il-genituri ghadha fl-ewwel stadji u ghalhekk kemm jista' jkun ghandha tinzamm l-istabbilita' f' hajjet il-minuri, biex flimkien mal-progress bejn il-partijiet, it-tifel minuri Edison ikun seren ghal kollox.

**ACCESS**

Fil-mori tal-kawza, kien hemm diversi digrieti li rregolaw l-access ghall-minuri u jidher li essenzjalment hemm qbil bejn il-partijiet, hlief ghal xi divergenzi, li dina l-Qorti ser tiddeciedi b'mod finali.

1. Dwar il-granet in generali, dina l-Qorti ma taqbilx li l-minuri ghandu jqassam il-granet ta' fost il-gimgha, kif propost mill-missier, u ghalhekk waqt il-perjodu skolastiku, taqbel li l-access mill-konvenut ghandu jigi ezercitat kull nhar ta' Tlieta u Hamis mill-4.30 pm sas-7.30 pm u sleepover

fl-ewwel gimgha mill-Gimgha mill-5pm sas-Sibt sal-5 pm u fit-tieni gimgha mis-Sibt mill-5 pm sal-Hadd sal-5 pm u dana b'mod alternat minn gimgha ghal gimgha.

Waqt il-vaganzi tas-sajf, it-tifel minuri jingabar mill-konvenut fil-5 pm kull nhar ta' Tlieta u Hamis u jorqod ghand il-konvenut u jigi rritornat l-ghada fit-8 am. Ikun hemm sleepover kull nhar ta' Gimgha mill-5 pm sas-Sibt sal-5 pm b'mod alternat minn gimgha ghal gimgha.

2. Fil-festi pubblici, l-access jigi alternat bejn il-partijiet mill-11 am sal-5 pm b'mod alternat minn festa pubblika ghal ohra.

3. Waqt Jum il-Missier, il-minuri jkun mal-konvenut bejn il-11 am sal-5 pm u l-istess il-minuri jkun mal-attrici, fl-istess hinjiet f' Jum l-Omm. L-istess japplika jekk il-minuri ser iqatta' gheluq snin il-genituri tieghu sakemm ma jkunx l-iskola, f'liema kaz japplika l-hin ta' wara nofsinhar bejn it-3.30 u s-7.00 pm.

4. Fil-festi tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena u l-Ghid, il-minuri ghandu jghaddi dawn il-festi b'mod alternat bejn il-genituri, b'dana li jghaddi l-Milied mal-attrici bejn il-11 am sal-4 pm u l-Ewwel tas-Sena mal-konvenut, fl-istess hinijiet. Dan ghandu jsir b'mod alternat bejn il-partjiet. L-istess japplika ghall-Ghid.

Peress li l-minuri jaghlaq sninu fil-Milied, l-access jigi ezercitat skond min imiss l-access fil-gurnata tal-Milied.

Dawn il-festi u hinijiet ghandhom jiehdu precedent fuq l-access in generali.

Theggeg ukoll lill-partijiet li jekk l-access jinzerta fil-gurnata u hin li l-minuri ghandu xi attivita’ extra-kurrikulari, il-partijiet ghandhom jaghmlu mod li l-minuri jattendi u jzomm dan l-impenn.

**<u>MANTENIMENT</u>**

Prezentement, il-Qorti kienet ordnat li l-konvenut ghandu jhallas manteniment fis-somma ta’ €300 mensilment u nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. L-attrici originarjament fir-rikors guramentat taghha talbet €400 fix-xahar, izda fis-sottomissjonjiet taghha qed tinsisti fuq €350, oltre nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.

Il-konvenut jinsisti li l-ammont ta’ manteniment ghall-minuri ghandu jigi ridott ghal mhux iktar minn €200, stante li qed jinsisti li jkun hemm kura u kustodja kongunta u ghalhekk l-ispejjes ghandhom jinqasmu.

Ma ngabux provi li l-introjtu tal-konvenut naqas b’xi mod sostanzjali u sa meta kien qed ihallas is-somma ta’ €300 diga’ kien hemm kura u kustodja kongunta. Li jippretendi li jhallas biss €200 ghall-minuri hu prattikament il-minimu li dina l-Qorti generalment thoss li ghandu jigi ppercepit bhala manteniment.

Tenut kont ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet u tenut kont ukoll tal-fatt li dina l-Qorti ddecidiet favur kura u kustodja kongunta, tiddeciedi li l-ammont ta’ manteniment li ghandu jithallas lill-minuri ghandu jkun fis-somma ta’ €350, li jinkludi nofs l-ispejjez edukattivi u tas-sahha.

Il-manteniment ghandu jizdied b’ghoxrin Ewro (€20.00) fix-xahar kull sentejn, biex jaghmel tajjeb ghal zidiet fl-gholi tal-hajja. Kwalsiasi

beneficcji socjali u children's allowance ghandhom jigu percepiti u jinzammu mill-omm, ghall-uzu tal-minuri.

L-ahhar osservazzjoni li sejra tghaddi l-Qorti hija s-segwenti. Huwa ta' ghajb li l-partijiet damu sitt snin shah jikkumbattu din il-kawza fil-Qorti, oltre z-zmien li ghamlu fil-medjazzjoni. Tenut kont li l-minuri llum jghodd tmien snin, dan ifisser li Edison kull ma jaf huwa glied estrem bejn il-ġenituri tieghu. Pratikament, mat-twelid tat-tifel, faqqghet gwerra interminabbli bejniethom, u bid-dovut rispett lejn kulhadd, it-tnejn hargu telliefa. Huma ghamlu minn kollox biex joskuraw lil xulxin, u ghalhekk wrew nuqqas ta' maturita' u mgieba kwazi infantili meta fittxew biss li jaghmlu hsara lin-naha l-ohra flok hadu biss hsieb l-interessi ta' Edison. Il-Qorti tistieden lil kull parti taghti harsa sew fil-mera u taghraf in-nuqqasijiet taghha, terfa' r-responsabbilta' ta' genitur, u taghmel sforz qawwi u genwin biex tindirizza dawk in-nuqqasijiet, ghall-gid tat-tifel taghhom. Il-partijiet jridu jaghrfu darba ghal dejjem li, minkejja li mhux qed jghixu taht l-istess saqaf, huma genituri flimkien ta' tifel li, b' xorti tajba hafna, ghandu kwalitajiet sbieh u kapacitajiet kbar.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici, in kwantu tafda l-kura u kustodja tal-minuri F konguntivament liz-zewg partijiet;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna li l-access jigi ezercitat kif indikat fis-sottotitolu « Access. »

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna li l-hlas ta’ manteniment ikun ta’ €350 fix-xahar li ghandhom jithallsu mill-konvenut lill-attrici ghall-minuri u din is-somma ghandha tizdied kull sentejn kif gia’ indikat.

4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici.

5. Tilqa’ l-hames talba attrici.

6. Tilqa’ s-sitt talba attrici.

   Tordna li l-genituri ghandhom jattendu ghal korsijiet ta’ parenting skills separatament, a spejjez taghhom, mal-Agenzija Willingness, li ghalhekk qed tigi appuntata mill-Qorti ghal dan l-iskop, u liema Agenzija ghandha tipprezenta rapport mat-tmiem tal-kors moghti lil kull parti.
   Fin-nuqqas li xi hadd mill-partijiet ma jattendix jew ma jsegwix il-kors, il-Qorti tirriserva li tvarja d-decizjoni taghha dwar il-kura w kustodja tal-minuri.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**